*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,010, 31 ta' Diċembru, 2012*
*Taqsima B*

**A.L. 491 tal-2012**

## ATT DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (KAP. 452)

### Ordni ta' *Standard* Nazzjonali tal-2012 dwar l-Inqas Paga Nazzjonali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, il-Ministru għall-Ġustizzja, Konsultazzjoni Pubblika u l-Familja, fuq rakkomandazzjoni tal-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi, għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

**1.** It-titolu ta' dan l-Ordni hu l-Ordni ta' *Standard* Nazzjonali tal-2012 dwar l-Inqas Paga Nazzjonali, u dan l-Ordni għandu jibda' jseħħ fl-1 ta' Jannar, 2013.

L-inqas paga nazzjonali.

**2.** L-inqas paga nazzjonali fil-ġimgħa għal ġimgħa normali ta' xogħol għandha tkun kif ġej:

| | |
|---|---|
| Ta' età 18-il sena u fuqhom ..................... | € 162.19 |
| Ta' età 17-il sena ..................................... | € 155.41 |
| Taħt is-17-il sena .................................... | € 152.57. |

Impjegati *part-time*.

**3.** L-inqas paga nazzjonali ta' impjegati *part-time* għandha tkun ikkalkulata pro rata bl-istess rata fis-siegħa ta' impjegat komparabbli *whole-time* li tkun tapplika skont l-inqas paga tal-Ordni dwar Kunsill tal-Pagi li Jirregola l-Pagi rilevanti, jew f'każijiet fejn Ordni dwar Kunsill tal-Pagi li Jirregola l-Pagi ma tkunx tapplika, b'rata fis-siegħa li ma tkunx anqas mill-Inqas Paga Nazzjonali *Standard* li tkun tapplika, kif stabbilita skont l-artikolu preċedenti u diviża b'erbgħin.

Ordnijiet dwar Kunsilli tal-Pagi li jirregolaw il-Pagi.
Kap. 452.

**4.** Meta xi Ordni dwar Kunsill tal-Pagi li Jirregola l-Pagi jkun japplika għal xi impjegat, il-pagi li jitħallsu lil dak l-impjegat fir-rigward tal-2013 m'għandhomx ikunu anqas minn dawk stabbiliti b'dak l-Ordni dwar Kunsill tal-Pagi li Jirregola l-Pagi applikabbli għal 2012, aġġustat għall-għoli tal-ħajja b'xi żjidiet ta' pagi dikjarati bħala li jkunu ġeneralment japplikaw għall-impjegati *whole-time* kollha skont l-artikolu 8 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, jew b'xi żjiediet fil-paga għall-għoli tal-ħajja stabbilita b'xi ordni ta' standard nazzjonali applikabbli fir-rigward tal-2013.